# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **il-Hamis 24 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**vs.**

**Joseph Mary Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Mary Borg ta' 58 sena, bin Anthony u Carmela nee Mizzi, imwieled Valletta, fit-8 ta' Marzu 1950, residenti f'159, Flat 2, Triq il-Gross, Marsascala, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 307350(M).

Akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Lulju 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat,

u cioe ha u zamm ghandu l-ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Charles Bugeja mill-Belt Valletta, liema flus li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. U aktar talli b'hekk kkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fl-24 ta' Frar 2010, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

a) l-artikoli 18, 293, 294, 310(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) l-artikoli 28A sa' 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Charles Bugeja kien proprjetarju ta' hanut tal-haxix, il-Belt Valletta u bejn l-2003 u l-2007 halla f'idejn l-imputat sabiex johodlu hsieb ix-xoghol relatat mal-karti fin-negozju tieghu, partikolarment pagamenti dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (VAT) u lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

2. Fis-sajf tal-2007, Bugeja irrealizza li l-flus kontanti li hu kien qed jaghti lill-imputat biex jaghmillu dawn il-pagamenti, l-imputat kien qed itihom lil terzi persuni li l-imputat kellu dejn maghhom.
3. Fil-fatt irrizulta li d-diversi flus li Bugeja kien qed jghaddi lill-imputat perjodikament f'kontanti, bejn l-2003 u l-2007, gew misapproprjati mill-imputat u fil-fatt Bugeja kellu diversi ammonti pendenti mad-Dipartiment tal-VAT kif ukoll mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, kemm f'dawk li jirrigwarda taxxa kif ukoll f'dak li jirrigwarda kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali.
4. Fid-19 ta' Novembru 2008, Bugeja kiteb lill-Ufficjal Investigatur, Angelo Gafa, u informah li kien lahaq ftehim mal-imputat li obbliga ruhu li jhallsu, u ghaldaqstant iddikjara illi *"nixtieq nirtira l-kaz ghax m'ghandix aktar interess fih."* Ma din l-ittra, Bugeja ezebixxa kopja tal-ftehim milhuq datat 12 ta' Novembru 2008.
5. Pero l-Prosekuzzjoni xorta mexxiet b'dawn il-proceduri, ghax fl-opinjoni tal-Ufficjal Prosekutur, ir-reat huwa ta' misapproprjazzjoni indebita bl-aggravvju taht l-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk jista' jitmexxa mill-Prosekuzzjoni *ex officio*, anke jekk il-kwerela tigi irtirata.
6. Huwa pacifiku li l-imputat hallas l-ammont minnu dovut lill-imputat, u cioe l-ammont ta' €13,124.09 – kif dikjarat fil-ftehim imsemmi – fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari - L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevatx direttament din il-kwistjoni fit-trattazzjoni orali – ghalkemm irreferiet ghaliha waqt il-kontro-ezami tal-Ufficjal Prosekutur - din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

Il-fattispecje tal-kaz odjern huma prattikament identici ghal dawk fis-sentenza kontra l-istess imputat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] fl-14 ta' Marzu 2013. Mill-provi jirrizulta li l-imputat huwa ex impjegat tac-Civil, irtirat u jiehu hsieb il-kotba tan-negozju ta' diversi persuni. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, huwa jipprova jimminimizza l-involviment tieghu fir-relazzjoni tieghu ma' Bugeja billi jghid li kien imur biex ihallas id-Dipartimenti biex jaqdieh. Pero Charles Bugeja xehed hekk *"Dan kien bhala accountant tieghi, jghinni fit-taxxa u jimlieli l-karti tal-VAT u hekk kollox u kont inhalli kollox f'idu u ma kienx ihallashomli u ma kont naf hux."*[2] Huwa jghid li kien johodlu hsieb l-amministrazzjoni tal-hanut tieghu. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u anke ix-xhieda stess tal-imputat fejn jghid diversi drabi kemm kien hbieb ma' Bugeja u pprova jghinu, din il-Qorti m'ghandhix dubbju, li l-versjoni ta' Bugeja hija aktar kredibbli.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li l-aggravju taht l-Artikolu 294 ma jirrizultax, ghax mill-istorja tal-impjieg tieghu jirrizulta li hu kien skrivan tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u sussegwentement ta' socjeta tat-telefonja, la hu professjonist u lanqas kien fl-impjieg ta' Charles Bugeja, u lanqas kien f'xi forma ta' kummerc. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid hekk *"M'ghandix professjoni. Esperjenza jigiferi li naghmel bl-esperjenza."*[3]

Skond l-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali sabiex jissussisti dan l-aggravju, mhux necessarju li l-flus jigu konsenjati lill-imputat minhabba l-professjoni tieghu – fil-fatt dan l-artikolu jghid *inter alia* hekk *"minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew <u>servizz tieghu</u>, jew minhabba depozitu necessarju;"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Issa ma hemmx dubbju, li mix-xhieda tal-imputat jirrizulta li hu kien tal-inqas qed jaghti *"servizz"* lil Bugeja. Min-naha l-ohra, Bugeja kien jikkonsidrah bhala l-*accountant tieghu.*

Ghalkemm skond il-Kodici Penali Taljan, l-aggravju tal-misapproprjazzjoni hu espressament kontemplat biss fil-kaz ta' depozitu necessarju, il-kazistika tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana estendiet dan l-aggravju fis-sentenzi taghha. L-awtur **Antolisei** jghid hekk *"Per il disposto dell'ultima comma dell'art. 646, verificandosi l'aggravante in parola, l'approprazzione*

[1] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[2] Ara fol. 38 tal-process.
[3] Ara fol. 136 tal-process.

*indebita e perseguibile d'ufficio, e cosi pure lo e nel caso previsto dal n. 11 dell'art. 61 del codice, vale a dire quando il fatto e commesso con abuso di autorita o di relazioni domestiche, ovvero* <u>*con abuso di relazioni di ufficio, di prestazione d'opera,*</u> *di coabitazione o di ospitalita.*

*La maggior gravita del fatto, da un lato, e la particolare violazione delle fiducia, dall'altro, spiegano la deroga alla regola della perseguibilita a querela di parte, adottata dal nostro legislatore per il delitto di appropriazione indebita.".*[4] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Mill-provi migjuba quddiemha, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li Bugeja kien jafda lill-imputat minhabba l-esperjenza li kellu fic-civil, ghalkemm ma kellux kwalifiki formali, u kien ghalhekk li kien qabdu johodlu hsieb jimlilu l-formoli u jiehu il-hlasijiet dovuti lil varji dipartimenti tal-Gvern. Konsegwentement, l-imputat certament kien qed jaghti servizz lil Bugeja ai termini tal-Artikolu 294, u konsegwentement l-aggravju tal-approprjazzjoni indebita gie debitament pruvat mill-Prosekuzzjoni.

Mill-provi jirrizulta li dan huwa kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita kif kontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-imputat jammetti li hu kien juza l-flus li Bugeja kien itih mhux biex ihallas lid-dipartimenti tal-Gvern, izda ghal uzu personali tieghu.

L-imputat jipprova jiggustifika ruhu billi jargumenta illi huwa vittma ta' frodi, meta flus illi kien sellef lil terzi ma gewx imrodda lura u b'hekk sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji. Kif osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija, l-imputat messu kien jaf ahjar, mehud in konsiderazzjoni l-eta, u l-esperjenza tieghu, u ma messu qatt dahal f'cirku vizzjuz li wassluh biex jikkommetti dawn ir-reati fil-konfront ta' Bugeja, u dan anke kif jirrizulta mis-sentenza imsemmija fil-konfront ta' terzi persuni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs John Gauci**, deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] spjegat ir-rekwiziti tar-reat ta' misapproprjazzjoni indebita hekk: *"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn*

[4] **Manuele di Diritto Penale,** Parte Speciale 1 fol. 357-358 (Ediz. 2008).
[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Mill-provi prodotti jirrizulta indubbjament illi l-imputat kien gie mghoddi flus sabiex jaghmel uzu specifiku minnhom. L-imputat ma ghamilx uzu minnhom kif specifikat lilu, izda ghamel uzu divers u dana bi profitt ghalih. Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Fil-verita, l-imputat mhux qed jikkontesta li hu ikkometta approprjazzjoni indebita a dannu ta' Bugeja, tant li wara li bdiet l-investigazzjoni mill-Pulizija huwa iffirma skrittura fejn obbliga ruhu li jirrifondi l-flus li hu kien ha indebitament lil Bugeja. Pero fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li ladarba giet iffirmata din l-iskrittura privata, allura l-kwistjoni saret biss kwistjoni civili u hu jiccitta in sostenn ta' dan is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminal (sede Inferjuri)[6] fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Concetta Charles**, deciza fis-6 ta' Gunju 2011. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li l-fattispecje ta' dak il-kaz ma jattaljawx ghal kaz odjern, stante li f'dak il-kaz kienet saret novazzjoni tal-kuntratt qabel saret il-kwerela. Fil-kaz odjern, l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu saret wara li Bugeja irrapporta lill-Pulizija dak li ghamel l-imputat, u l-Pulizija kienet bdiet l-investigazzjoni taghha. In oltre, din il-Qorti tirreferi ghal dak li rriteniet l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Camilleri**, deciza fil-25 ta' Gunju 2001, fejn gie ritenut hekk: *"It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li galadarba dak li kien dovut minnu lil Mifsud kien gie, bi ftehim liberu bejn il-partijiet, ridott ghal semplici dejn u kreditu civili/kummercjali, Mifsud ma setax jitlob, permezz ta' kwerela, li jittiehdu passi kontra tieghu. Fi kliem iehor l-appellant qed jippretendi li kien hemm xi forma ta' rinunzja implicita*

[6] *Per* Imhallef Lawrence Quintano.
[7] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

*jew tacita da parti ta' Mifsud ghall-proceduri penali. Dana l-aggravju kien ikollu xi validita` u kien jigi ezaminat bir-reqqa minn din il-Qorti li kieku r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet kienu reati li jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza. Pero` dan ma huwiex il-kaz. Ir-reat ta' truffa (Art. 308, Kap. 9), kif ukoll ir-reat minuri ta' frodi innominata (Art. 309) huma dejjem prosegwibbli ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva. Huwa veru li r-reat ta' approprjazzjoni indebita (Art. 293) huwa normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti, pero` fil-kaz in dizamina qed jigi ipotizzat ukoll l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali li jirrendi dak ir-reat prosegwibbli ex officio. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint."* Dan l-insenjament japplika *mutatis mutandis* ghal kaz odjern.

Fid-dawl tas-suespost, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta debitament ippruvata.

Rigward it-tieni imputazzjoni, u cioe li l-imputat ikkommetta dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, din ukoll giet debitament ippruvata. Pero, fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li din is-sentenza sospiza giet reza operattiva bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Marzu 2013, ghax inghata sentenza ta' prigunerija ta' tmintax(18)-il xahar. Pero minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta ampjament li dawn it-tmintax (18)-il xahar prigunerija inghatawlu bhala piena ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita aggravata, u l-Qorti tal-Appell Kriminali, probabbilment bi zvista, mkien ma semmiet li qed tirrendi s-sentenza sospiza operattiva.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Rigward piena, il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni li l-imputat accetta mill-ewwel l-izball tieghu, u obbliga ruhu li jhallas lil Bugeja, u fil-fatt hallsu fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Mill-fedina penali tieghu jirrizulta li hu ghandu erba' kundanni minn dawn il-Qrati, li huma kollha ta' misappropjazzjoni u l-ewwel wahda tmur lura ghas-sena 1991. Ghalhekk jidher li l-imputat ma tantx tghallem mill-izbalji tieghu.

L-ammont misapproprjat fil-kaz odjern mhux wiehed insinifikanti, ghax skond l-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet jammonta ghal €13,124.09.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li l-parti leza riedet tirtira l-kwerela, u li l-imputat hallas l-ammont kollu minnu dovut, il-Qorti mhix se tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali – kif kien meta gie kommess ir-reat – kien jippreskrivi li meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-imputat huwa aktar minn Lm1000, il-piena tkun ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa seba' (7) snin. Mhux kontestat illi l-ammont tal-hsara illi ghamel l-imputat huwa ta' aktar minn Lm1000.

Pero, ai termini tal-Artikolu 28F tal-Kodici Kriminali, l-imputat irid jitqies bhala recidiv, u ghalhekk il-piena tieghu trid tizdied bi grad.

Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun il-minima, li fic-cirkostanzi tal-kaz hija dik ta' tmintax(18)-il xahar prigunerija, u hija obbligata li tirrendi operattiva s-sentenza sospiza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a), 28F u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tmintax (18)-il xahar.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar, sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Jannar 2005 tigi reza operattiva, u b'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin prigunerija.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**